FRA EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# KRIMINALITÀ, SIKUREZZA U DRITTIJIET TAL-VITTMI

## SOMMARJU



STĦARRIĠ DWAR ID-DRITTIJIET FUNDAMENTALI


**3** Esperjenzi ta' vjolenza

**9** Esperjenzi ta' fastidju

**12** Esperjenzi ta' delitti u frodi kontra l-proprjetà magħżula

**15** Rapportar ta' esperjenzi ta' kriminalità lill-pulizija u awtoritajiet oħra

**18** Xhieda tal-kriminalità u teħid ta' azzjoni

**20** Inkwiet dwar il-kriminalità u evitar tar-riskju

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2021.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhux taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-Aġenzija ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-9461-176-5 | doi:10.2811/35427 | TK-06-20-041-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-9461-156-7 | doi:10.2811/5 | TK-06-20-041-MT-N |

Krediti għar-ritratti:
Qoxra: © AlexLinch/iStock
Paġna 5: © jayzynism/Adobe Stock
Paġna 8: © JackF/Adobe Stock
Paġna 11: © Daisy-Daisy/iStock
Paġna 14: © terovesalainen/Adobe Stock
Paġna 17: © kumikomini/iStock
Paġna 21: © krsmanovic/Adobe Stock

Il-kriminalità — b'mod partikolari l-kriminalità vjolenti — tikser id-drittijiet ewlenin tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali tal-vittmi. Dawn jistgħu jinkludu d-dritt għall-ħajja u d-dinjità tal-bniedem fil-kuntest tal-kriminalità vjolenti, flimkien mal-aċċess għall-ġustizzja meta jirrapportaw il-kriminalità u n-nondiskriminazzjoni fit-trattament ta' persuna bħala vittma. Drittijiet oħra, inklużi dawk relatati mal-proprjetà u mal-protezzjoni tal-konsumatur, huma affettwati wkoll.

Dan is-sommarju jippreżenta l-informazzjoni intuwittiva prinċipali mit-tieni rapport prinċipali tal-FRA bbażat fuq l-Istħarriġ tagħha dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ir-rapport jiffoka fuq l-esperjenzi tan-nies bħala vittmi ta' ċerti tipi ta' kriminalità. B'mod speċifiku, jindirizza:

- il-vjolenza,
- il-fastidju, kemm online kif ukoll offline,
- u d-delitti kontra l-proprjetà — serq mid-djar, użu ħażin tal-kont bankarju online jew tal-kards tal-ħlas ta' xi ħadd, u frodi tal-konsumatur.

Ir-rapport jeżamina wkoll kemm-il darba l-vittmi jirrapportaw dawn ir-reati lill-pulizija, u jippreżenta aktar dettalji dwar il-fastidju u l-vjolenza, bħal dwar l-awturi u fejn seħħew l-inċidenti. L-għażla ta' dawn ir-reati tirrifletti kemm ir-reati fuq il-persuna kif ukoll dawk relatati mal-proprjetà, u kemm il-kriminalità "tradizzjonali", bħas-serq mid-djar, kif ukoll il-kriminalità li tista' sseħħ kemm online kif ukoll offline.

Barra minn hekk, l-analiżi teżamina kemm huma mħassbin in-nies dwar li jesperjenzaw il-kriminalità, u jekk bidlux l-imġiba tagħhom b'reazzjoni għal riskju perċepit ta' attakk jew fastidju biex jevitaw sitwazzjonijiet fejn tali inċidenti jistgħu jseħħu.

Ir-rapport jesplora wkoll kemm in-nies huma lesti jintervjenu, jirrapportaw lill-pulizija jew, jekk jintalbu, jagħtu xhieda fil-qorti fi tliet xenarji ipotetiċi: il-vjolenza fiżika bejn is-sħab, il-vjolenza fiżika kontra t-tfal, u reat kontra l-ambjent.

Ir-riżultati ppreżentati joffru l-ewwel *data* ta' stħarriġ dwar il-kriminalità mill-UE kollha dwar l-esperjenzi tal-popolazzjoni ġenerali tal-vittimizzazzjoni kriminali, li tista' tintuża biex tinforma l-politika u l-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar il-vittmi tal-kriminalità.

## Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali: il-fatti ewlenin

L-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali ġabar *data* f'29 pajjiż: is-27 Stat Membru tal-UE, ir-Renju Unit (li dak iż-żmien kien Stat Membru tal-UE) u l-Maċedonja ta' Fuq (l-uniku pajjiż mhux tal-UE bi status ta' osservatur fil-FRA meta tfassal l-istħarriġ). F'kull pajjiż, ipparteċipa fl-istħarriġ kampjun rappreżentattiv ta' rispondenti — li jvarja minn madwar 1,000 fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għal madwar 3,000 persuna fi Franza u fil-Ġermanja. L-intervisti tal-istħarriġ, li saru bejn Jannar u Ottubru 2019, irriżultaw f'kampjun totali ta' 34,948 rispondent.

Ir-riżultati huma rappreżentattivi fil-livell tal-UE, kif ukoll għal kull pajjiż, ta' persuni li għandhom 16-il sena jew aktar u li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fil-pajjiż fejn ipparteċipaw fl-istħarriġ.

## Ir-rata kumplessiva tal-vittimizzazzjoni kriminali fl-istħarriġ

L-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali staqsa dwar l-esperjenzi tan-nies ta' ħames tipi ta' kriminalità: serq mid-djar, frodi bankarji online jew tal-kards tal-ħlas, frodi tal-konsumatur, fastidju u vjolenza. Ir-rapport jeżamina r-riżultati għal kull wieħed mill-ħames tipi.

Meħuda flimkien, 54 % tal-persuni fl-UE-27 esperjenzaw wieħed jew aktar minn dawn ir-reati fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ, u 39 % esperjenzawhom fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ. F'dawn ir-rati, il-prevalenza tal-ħames tipi ta' kriminalità tvarja ħafna.

Mill-ħames tipi, il-persuni esperjenzaw l-aktar il-fastidju (41 % fil-ħames snin qabel l-istħarriġ), segwit minn frodi tal-konsumatur (26 %). L-esperjenzi ta' serq mid-djar, frodi bankarji online jew tal-kards tal-ħlas huma inqas frekwenti — inqas minn persuna waħda minn kull 10 esperjenzathom fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. Ir-rati ta' prevalenza kumplessiva tal-esperjenzi tal-kriminalità, kemm fil-ħames snin kif ukoll fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ, huma relatati mill-qrib mal-esperjenzi ta' fastidju u frodi tal-konsumaturi, peress li huma l-aktar mifruxa mill-ħames tipi ta' kriminalità eżaminati fl-istħarriġ.

**FIGURA 1: ESPERJENZI TAL-ĦAMES REATI LI ĠEW MISTOQSIJA DWARHOM FL-ISTĦARRIĠ, FIL-ĦAMES SNIN U FIT-12-IL XAHAR TA' QABEL L-ISTĦARRIĠ (UE-27, %)**




Noti:
Mir-rispondenti kollha fl-UE-27 (n = 32,537); riżultati ponderati.

*Sors: FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019; ġbir ta' data f'kooperazzjoni ma' Centraal Bureau voor de Statistiek (CBS, NL), Centre des technologies de l'information de l'État (CTIE, LU) u Statistics Austria (AT)*

Minbarra l-ħames tipi ta' kriminalità elenkati hawn fuq, l-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali staqsa lil dawk li wieġbu jekk kienx hemm xi uffiċjal pubbliku jew impjegat taċ-ċivil li talabhom jew stenna li jagħmlulu favur (bħall-għoti ta' rigal jew donazzjoni) bi skambju għal servizz partikolari. Total ta' 4 % tal-persuni esperjenzaw dan fl-aħħar ħames snin fl-UE-27. Madankollu, l-esperjenzi jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri tal-UE. **L-ewwel rapport tal-FRA dwar l-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali** janalizza r-riżultati f'aktar dettall.

## Sejbiet ewlenin u opinjonijiet tal-FRA

# ESPERJENZI TA' VJOLENZA

**Aktar minn 22 miljun persuna fl-UE esperjenzaw vjolenza fiżika fis-sena ta' qabel l-istħarriġ.**

- ★ Kważi persuna waħda minn kull 10 (9 %) fl-UE-27 esperjenzat vjolenza fiżika fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ, u 6 % esperjenzaw vjolenza fiżika fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ. Dan jikkorrispondi għal aktar minn 22 miljun persuna li esperjenzaw vjolenza fiżika f'sena waħda fl-UE-27 (stima bbażata fuq ir-riżultati tal-istħarriġ b'mod relattiv għall-popolazzjoni tal-UE).
- ★ Dawn ir-riżultati jinkludu l-esperjenza ta' wieħed jew aktar mill-erba' atti wesgħin ta' vjolenza fiżika li l-istħarriġ staqsa dwarhom: daqqa ta' ħarta minn persuna, persuna twaddab xi ħaġa lejk, timbottak jew tiġbidlek xagħrek; tagħtik daqqa ta' ponn darba jew daqqa b'xi ħaġa oħra li tista' tweġġgħek; tagħtik daqqa ta' sieq jew tiġbdek, jew tagħtik xebgħa; jew tipprova tifgak jew tgħallqek.
- ★ L-esperjenzi jvarjaw skont il-pajjiż fl-UE, u l-ammont ta' persuni li esperjenzaw vjolenza fiżika fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ ivarja minn 3 % sa 18 %. Tali differenzi bejn l-Istati Membri jeħtieġ li jiġu eżaminati flimkien ma' statistika uffiċjali dwar il-kriminalità rreġistrata mill-pulizija f'kull pajjiż (li tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rapport), u flimkien ma' *data* dwar ix-xejriet fir-rapportar tal-kriminalità, li huma esplorati f'kapitolu speċifiku f'dan ir-rapport.
- ★ Iż-żgħażagħ (bejn is-16-il sena u d-29 sena) jinsabu fl-ogħla riskju li jesperjenzaw vjolenza fiżika, meta mqabbla ma' persuni minn gruppi ta' etajiet oħra, kif ukoll meta mqabbla ma' karatteristiċi soċjodemografiċi oħra li jeżamina l-istħarriġ. Kważi persuna waħda minn kull erbgħa (23 %) ta' bejn is-16-il sena u d-29 sena esperjenzat vjolenza fiżika fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. F'kategoriji oħra ta' età, persuna waħda minn kull 10, jew inqas, esperjenzat vjolenza fiżika fl-istess perjodu ta' żmien.

### OPINJONI 1 TAL-FRA

Il-vjolenza fiżika hija realtà inkwetanti fl-UE kollha, kif turi d-*data* tal-istħarriġ. F'konformità mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, l-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi kollha tal-kriminalità, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli, billi jipprovdu lill-vittmi informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa, u billi jippermettu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura kriminali.

Ir-rata ta' vjolenza fiżika esperjenzata miż-żgħażagħ hija ħafna ogħla minn dik fi gruppi ta' età oħra. Din tirrikjedi azzjoni mill-Istati Membri tal-UE biex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom u fejn għandhom jirrikorru wara li jesperjenzaw vjolenza fiżika. F'dan il-grupp ta' età, xi esperjenzi ta' vjolenza jistgħu jseħħu fl-iskola jew f'ambjenti ta' edukazzjoni terzjarja, u jinvolvu l-pari tal-vittmi. Dan jagħmilha importanti li jiġu adottati miżuri mmirati lejn dan il-kuntest.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżviluppaw miżuri mmirati biex jipprevjenu l-vjolenza fiżika kontra persuni b'diżabilità, minoranzi etniċi u persuni lesbjani, omosesswali, bisesswali, transesswali u intersesswali, li jesperjenzaw rati ogħla ta' vjolenza fiżika — u fastidju — minn oħrajn. Minbarra l-vjolenza fiżika b'mod ġenerali, dawn il-gruppi huma suxxettibbli għal inċidenti mmotivati mill-mibegħda, kif jenfasizzaw l-istħarriġiet immirati tal-FRA bi gruppi speċifiċi. Dan jista' jkollu impatt negattiv fuq kemm iħossuhom sikuri dawn il-gruppi.

★ Gruppi oħra li jesperjenzaw vjolenza fiżika b'rata ogħla mill-medja għall-popolazzjoni kollha jinkludu persuni li jqisu lilhom infushom bħala parti minn minoranza etnika (22 % fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ); persuni li jidentifikaw lilhom infushom bħala lesbjani, omosesswali, bisesswali jew kategoriji simili "oħrajn" (19 %); u persuni li għandhom limitazzjonijiet fuq l-attivitajiet tas-soltu tagħhom minħabba problema tas-saħħa jew diżabilità (17 %).

**FIGURA 2: ESPERJENZI TA' VJOLENZA FIŻIKA, FIL-ĦAMES SNIN U FIT-12-IL XAHAR TA' QABEL L-ISTĦARRIĠ, SKONT IL-PAJJIŻ (%)**




Noti:
Mir-rispondenti kollha fl-UE-27, fil-Maċedonja ta' Fuq u fir-Renju Unit (n = 34,948); riżultati ponderati.

*Sors: FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019; ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)*

Il-vjolenza hija ksur ċar tad-drittijiet tal-vittmi, b'mod partikolari d-dinjità tal-bniedem tagħhom u d-dritt tagħhom għall-integrità (l-Artikoli 2 u 3 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta)). F'konformità mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, vittma ta' reat vjolenti għandha tiġi rikonoxxuta bħala l-persuna li naqas it-trasgressur, tiġi protetta kontra vittimizzazzjoni ripetuta, tingħata aċċess għall-ġustizzja u titħalla tipparteċipa fi proċeduri kriminali. L-istħarriġ juri li għadd sinifikanti ta' persuni fl-UE jesperjenzaw vjolenza fiżika kull sena. L-istħarriġ tal-FRA dwar il-vjolenza kontra n-nisa jappoġġa dik is-sejba, u l-istess jagħmlu stħarriġiet oħra tal-FRA li ffukaw fuq l-esperjenzi tal-vjolenza fost gruppi bħall-immigranti u l-minoranzi etniċi, u l-persuni LGBTI.

Kif tirrikonoxxi l-ewwel strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020–2025), għall-vittmi l-aktar vulnerabbli, bħall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vittmi tfal, il-vittmi b'diżabilità jew il-vittmi ta' reati ta' mibegħda, huwa partikolarment diffiċli li wieħed jgħaddi minn proċedura kriminali u jkampa mal-konsegwenzi tar-reat. F'dan ir-rigward, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tirrikjedi li jkun hemm fis-seħħ strutturi xierqa li jipprevedu servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzati, kif ukoll protezzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi. Sabiex jiġu identifikati l-vittmi bi ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi, id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lil każijiet li jinvolvu vjolenza f'relazzjoni mill-qrib u vjolenza abbażi tal-ġeneru, vjolenza sesswali, reati ta' mibegħda u reati oħra relatati mal-karatteristiċi personali tal-vittmi, u vittmi b'diżabilità.



Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, il-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi għandu jkollhom aċċess għal organizzazzjonijiet ta' appoġġ speċjalizzati li għandhom persunal u finanzjament suffiċjenti. L-Artikolu 18 jirrikjedi wkoll miżuri speċjali għall-protezzjoni ta' dawn il-vittmi mir-riskji ta' vittimizzazzjoni sekondarja (bħala riżultat tat-trattament tagħhom mill-pulizija u s-sistema tal-ġustizzja kriminali), u vittimizzazzjoni ripetuta (meta jerġgħu jiġu vittimizzati), intimidazzjoni u ritaljazzjoni (mill-awtur(i) ta' reat).

Partijiet speċifiċi oħra tad-dritt sekondarju tal-UE, bħad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija, jissottolinjaw ukoll id-drittijiet ta' gruppi speċifiċi ta' vittmi vulnerabbli. Fir-rigward tal-vittmi tfal, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interess tat-tfal ikun kunsiderazzjoni primarja u jiġi vvalutat fuq bażi individwali. Approċċ sensittiv għat-tfal, li jqis kif xieraq l-età, il-maturità, il-fehmiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib tat-tfal, għandu jipprevali (l-Artikolu 1(2)).

L-Artikolu 16(4) tas-CRPD jistieden b'mod speċifiku lill-Istati Partijiet biex "jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jippromwovu l-irkupru fiżiku, konjittiv u psikoloġiku, ir-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni soċjali ta' persuni b'diżabilità li jisfaw vittmi ta' kwalunkwe forma ta' sfruttament, vjolenza jew abbuż, inkluż permezz tal-forniment ta' servizzi ta' protezzjoni".

F'termini ta' strumenti ta' politika, il-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu għall-2020–2025 jistabbilixxi azzjonijiet konkreti biex jiġu indirizzati r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda razzisti, filwaqt li l-qafas strateġiku tal-UE dwar ir-Rom għall-2020–2030 jenfasizza l-esperjenzi ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda fost il-popolazzjoni tar-Rom. Fl-istrateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020–2025, l-iżgurar tas-sikurezza tal-persuni lesbjani, omosesswali, bisesswali, transesswali, nonbinarji, intersesswali u queer huwa wieħed mill-erba' oqsma prinċipali li għandhom jiġu indirizzati.

# KUNTEST TAL-VJOLENZA — FOKUS FUQ L-ESPERJENZI TAN-NISA U L-IRĠIEL

**In-nisa jesperjenzaw il-vjolenza fiżika b'mod sproporzjonat fid-dar, filwaqt li l-irġiel spiss jesperjenzaw il-vjolenza f'ambjenti pubbliċi.**

## OPINJONI 2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE — minbarra l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu u jagħtu s-setgħa lil dawn il-vittmi biex jirrapportaw inċidenti ta' kriminalità (ara l-Opinjoni 5) — għandhom jikkunsidraw li jintroduċu miżuri speċifiċi biex jiżguraw appoġġ immirat għall-vittmi tal-vjolenza fl-isfera domestika. Dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li d-drittijiet garantiti mid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi jkunu effettivi fil-prattika għal dawk — b'mod sproporzjonat nisa — li jesperjenzaw vjolenza fid-dar, minn membri tal-familja jew qraba, u li għalhekk ibatu biex jiksbu appoġġ biex iwaqqfu ċ-ċiklu ta' vjolenza, u biex jaċċessaw il-ġustizzja. Dan jista' jinkludi taħriġ u linji gwida speċifiċi għall-professjonisti li jkunu f'kuntatt mal-vittmi (bħall-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa jew l-għalliema) dwar kif jidentifikaw il-kriminalità li sseħħ fid-dar, u kif jittrattawha b'mod xieraq. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea hija mħeġġa wkoll tagħmel użu mill-għarfien espert u tuża l-potenzjal tal-Pjattaforma tad-Drittijiet tal-Vittmi li għadha kif ġiet stabbilita.

L-UE u l-Istati Membri kollha tal-UE li s'issa għadhom ma għamlux dan, huma mħeġġa jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (Il-Konvenzjoni ta' Istanbul). B'mod parallel, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw id-*data* mill-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali, u l-istħarriġ preċedenti tal-FRA dwar il-vjolenza kontra n-nisa, meta jesploraw il-lakuni fil-liġi eżistenti, flimkien ma' modi biex tiġi indirizzata b'mod aktar effettiv il-vjolenza abbażi tal-ġeneru permezz tal-promulgazzjoni tal-liġi u l-politika attwali — f'allinjament mal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni stabbilit fl-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi kif ukoll l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020–2025.

- ★ L-inċidenti ta' vjolenza fiżika kontra l-irġiel (eskluża speċifikament il-vjolenza sesswali) ħafna drabi seħħew f'ambjenti pubbliċi (39 %), bħal toroq, parks jew postijiet pubbliċi oħra. L-inċidenti ta' vjolenza fiżika kontra n-nisa (għal darb'oħra eskluża speċifikament il-vjolenza sesswali) fil-biċċa l-kbira seħħew fi djarhom (37 %).
- ★ Għall-irġiel, dawn l-inċidenti ħafna drabi kienu jinvolvu awtur ta' reat li ma jafuhx (42 %). B'kuntrast ma' dan, il-vjolenza fiżika kontra n-nisa ħafna drabi kienet tinvolvi membru tal-familja jew qarib bħala l-awtur tar-reat.

  Dawn ir-riżultati tal-istħarriġ għandhom jinqraw flimkien mas-sejbiet preċedenti tal-istħarriġ tal-FRA dwar il-vjolenza kontra n-nisa, li kejjel f'aktar dettall l-esperjenzi ta' vjolenza tan-nisa, inklużi l-vjolenza mis-sieħeb intimu u l-vjolenza sesswali, li jaffettwaw lin-nisa b'mod sproporzjonat.
- ★ Fil-maġġoranza tal-każijiet ta' vjolenza fiżika, l-awtur ta' reat kien raġel jew grupp ta' rġiel. Dan kien il-każ fi 72 % tal-inċidenti ta' vjolenza fiżika kontra l-irġiel u f'60 % ta' dawk kontra n-nisa.

Meta mistoqsija jekk kienx hemm xi każ ta' vjolenza fiżika li involva inċidenti ta' natura sesswali, aktar nisa (13 %) milli rġiel (10 %) qalu iva. Hawnhekk, huwa importanti li wieħed jinnota li, skont id-*data*, il-vittmi ta' vjolenza fiżika jesperjenzaw diversi konsegwenzi psikoloġiċi u korrimenti aktar spiss meta dawn l-inċidenti jinkludu atti ta' natura sesswali. B'mod ġenerali, 51 % tal-irġiel jgħidu li l-inċident l-aktar reċenti ta' vjolenza fiżika (mhux sesswali) ma kkawża l-ebda konsegwenza psikoloġika, meta mqabbel ma' 30 % tan-nisa. B'kuntrast ma' dan, 34 % tan-nisa jgħidu li esperjenzaw erba' tipi jew aktar ta' konsegwenzi psikoloġiċi bħala riżultat ta' inċident ta' vjolenza fiżika li kellu wkoll elementi ta' natura sesswali, meta mqabbel ma' 9 % tal-irġiel.

Ir-riżultati tal-istħarriġ jindikaw differenzi ewlenin bejn l-esperjenzi tal-vjolenza tan-nisa u tal-irġiel. Dawn id-differenzi għandhom konsegwenzi importanti għall-impatt fuq il-vittmi, u għall-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja. Meta l-vjolenza sseħħ f'ambjent pubbliku, huwa aktar komuni li jkun hemm persuni oħra madwar li jistgħu jintervjenu jew jaġixxu bħala xhieda, filwaqt li dan spiss ma jkunx il-każ meta l-vjolenza sseħħ fid-dar. Dan ifisser li, bħala medja, in-nisa u l-irġiel isibu ruħhom f'pożizzjonijiet differenti bħala vittmi tal-vjolenza f'termini ta' tfittxija ta' għajnuna, rapportar ta' inċidenti lill-pulizija jew eżaminazzjoni ta' inċidenti fil-qorti.

Huwa f'dan il-kuntest li l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi għall-2020–2025 tagħti attenzjoni partikolari lill-azzjonijiet meħtieġa biex jaqdu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Din tiddeskrivi azzjonijiet li għandhom l-għan li jsaħħu d-drittijiet ta' dan il-grupp ta' vittmi, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-protezzjoni fiżika; l-istabbiliment ta' network tal-UE dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika; u l-għoti ta' finanzjament mill-UE. Il-Pjattaforma tad-Drittijiet tal-Vittmi tlaqqa' flimkien il-korpi kollha fil-livell tal-UE li huma rilevanti għad-drittijiet tal-vittmi. Permezz tagħha, il-Kummissjoni għandha wkoll l-għan li tiffaċilita l-iskambju kontinwu tal-aħjar prattiki u d-dakkir reċiproku bejn l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi u, pereżempju, l-Istrateġija Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020–2025.

Filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol sproporzjonat tal-irġiel bħala awturi tal-vjolenza, u f'konformità mal-Artikolu 84 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità, l-UE għandha tippromwovi u tappoġġa l-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità. Tali azzjoni jkollha l-għan li tintroduċi miżuri li jedukaw lis-subien u lill-irġiel żgħażagħ b'mod li jippermettilhom isolvu kunflitti mingħajr vjolenza jew imġiba abbużiva, u li jittrattaw lill-bniet u n-nisa — kif ukoll subien u rġiel oħra — b'rispett, abbażi tal-valuri rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem inklużi d-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

L-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw sanzjonijiet kriminali li għandhom il-potenzjal li jirriabilitaw trasgressuri rġiel u jappoġġawhom fl-iżvilupp tagħhom f'persuni responsabbli u mimlijin rispett. Dan jista' jinkludi taħriġ kontra l-vjolenza li jagħti attenzjoni xierqa lir-rwoli u l-isterjotipi tal-ġeneri fir-rigward tal-aggressjoni tal-irġiel. Dawk l-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan huma mħeġġa jikkunsidraw jintroduċu taħriġ kontra l-vjolenza sensittiv għall-ġeneru bħala sanzjoni kriminali, bil-għan li jitnaqqsu r-rati ta' vittimizzazzjoni ripetuta, f'konformità mal-Artikolu 18 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi.

**FIGURA 3: IL-ĠENERU TAL-AWTURI TAL-VJOLENZA, INĊIDENTI ESPERJENZATI MIN-NISA U L-IRĠIEL (UE-27,%)**




Sors: *FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019; ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)*

Noti:
Minn dawk li wieġbu fl-UE-27 li fl-istħarriġ iddeskrivew l-inċident l-aktar reċenti ta' vjolenza (n = 3,230; nisa, n = 1,573; irġiel, n = 1,657); riżultati ponderati.

F'konformità mal-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, in-nisa li jesperjenzaw il-vjolenza fid-dar, minn membri tal-familja jew qraba, u li għalhekk jitħabtu biex jiksbu appoġġ biex iwaqqfu ċ-ċiklu ta' vjolenza u biex jaċċessaw il-ġustizzja, għandu jkollhom aċċess għal organizzazzjonijiet ta' appoġġ speċjalizzat b'persunal u finanzjament suffiċjenti. L-Artikolu 18 jirrikjedi wkoll miżuri speċjali għall-protezzjoni ta' dawn il-vittmi mir-riskji ta' vittimizzazzjoni sekondarja, vittimizzazzjoni ripetuta, intimidazzjoni u ritaljazzjoni.



Minħabba li r-riżultati tal-istħarriġ jissottolinjaw in-natura sessista tal-vjolenza, kif esperjenzata b'mod differenti min-nisa u l-irġiel, is-sejbiet jistgħu jinqraw flimkien ma' dokumenti speċifiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem li jenfasizzaw il-ħtieġa għal edukazzjoni sensittiva għall-ġeneru. Pereżempju, l-Artikolu 10 tas-CEDAW jobbliga lill-Istati Partijiet jiżguraw, fil-qasam tal-edukazzjoni, l-eliminazzjoni ta' kwalunkwe kunċett sterjotipat tar-rwoli tal-irġiel u n-nisa, u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni li trawwem l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, ir-rwoli tal-ġeneri mhux sterjotipati, ir-rispett reċiproku u r-riżoluzzjoni mhux vjolenti tal-kunflitti fir-relazzjonijiet interpersonali.

Fil-fatt, sal-lum, il-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa tispikka bħala l-istrument internazzjonali l-aktar komprensiv dwar il-vjolenza kontra n-nisa. Din tistabbilixxi miżuri li huma ta' importanza kruċjali fil-ġlieda kontra l-vjolenza bejn l-imsieħba, bħal protezzjoni mmirata tal-liġi kriminali kontra l-vjolenza bejn is-sħab, sistema effettiva ta' ordnijiet ta' protezzjoni, u organizzazzjonijiet ta' appoġġ speċjalizzat disponibbli għan-nisa kollha vittimizzati mill-imsieħba jew eks imsieħba vjolenti tagħhom. Fil-mument meta nkiteb dan ir-rapport, 21 Stat Membru tal-UE kienu rratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul, u sitta kienu ffirmaw il-konvenzjoni iżda kienu għadhom ma rratifikawhiex.[1] L-UE wkoll iffirmat il-konvenzjoni iżda għad trid tirratifikaha.

Skont l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strateġiji nazzjonali dwar id-drittijiet tal-vittmi li jiżguraw approċċ ikkoordinat u orizzontali għad-drittijiet tal-vittmi, inkluż permezz tal-integrazzjoni tad-drittijiet tal-vittmi f'politiki bħall-edukazzjoni.

[1] Minn Jannar 2021, l-Istati Membri tal-UE li ġejjin irratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul: l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja. Barra minn hekk, mill-pajjiżi koperti fl-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali, il-Maċedonja ta' Fuq wkoll irratifikat il-konvenzjoni. L-Istati Membri tal-UE li ġejjin iffirmaw il-konvenzjoni iżda għad iridu jirratifikawha: il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja u s-Slovakkja. Ir-Renju Unit ukoll iffirma l-Konvenzjoni iżda għadu ma rratifikahiex.

# ESPERJENZI TA' FASTIDJU

**Kważi 110 miljun persuna fl-UE esperjenzaw diversi forom ta' fastidju fis-sena ta' qabel l-istħarriġ.**

- Fl-UE-27, tnejn minn kull ħames persuni (41 %) esperjenzaw fastidju — li jvarja minn kummenti offensivi u ta' theddid wiċċ imb wiċċ għal ġesti u messaġġi offensivi u ta' theddid mibgħuta online, inkluż permezz tal-midja soċjali — fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. Fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ, 29 % esperjenzaw fastidju. Dan jikkorrispondi għal kważi 110 miljun persuna fl-UE-27 li esperjenzaw fastidju f'sena (stima bbażata fuq ir-riżultati tal-istħarriġ b'mod relattiv mal-popolazzjoni tal-UE).
- L-esperjenzi ta' fastidju jvarjaw minn 46 % sa 9 %, skont il-pajjiż (fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ).
- Il-forma l-aktar komuni ta' fastidju li n-nies fl-UE jesperjenzaw tinvolvi kummenti offensivi jew ta' theddid wiċċ imb wiċċ, esperjenzati minn 32 % tal-persuni fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ.
- B'mod ġenerali, 14 % tal-persuni fl-UE esperjenzaw fastidju ċibernetiku fil-ħames snin qabel l-istħarriġ. Dan jista' jinvolvi li persuna tirċievi emails offensivi jew messaġġi testwali offensivi jew ta' theddid, jew li tiltaqa' ma' kummenti offensivi jew ta' theddid dwarha mxerrda online.
- Tlieta minn kull ħames persuni (61 %) fil-grupp ta' età ta' bejn is-16-il sena u d-29 sena esperjenzaw fastidju fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. B'mod ġenerali, fl-istess grupp ta' età u fl-istess perjodu ta' żmien, 27 % esperjenzaw fastidju ċibernetiku. Dawn huma l-ogħla rati fil-gruppi ta' età kollha, bl-esperjenza ta' fastidju tonqos bl-età.
- Filwaqt li l-prevalenza tal-fastidju hija simili għan-nisa u l-irġiel, 18 % tan-nisa ddeskrivew l-inċident l-aktar reċenti ta' fastidju bħala wieħed ta' natura sesswali, meta mqabbla ma' 6 % tal-irġiel.
- Filwaqt li r-rata medja ta' fastidju hija ta' 41 % (fuq perjodu ta' ħames snin), jidhru rati ogħla meta d-*data* tiġi diżaggregata skont gruppi soċjodemografiċi speċifiċi (għall-istess perjodu): 57 % għal persuni li jidentifikaw lilhom infushom bħala lesbjani, omosesswali, bisesswali jew kategoriji simili "oħrajn"; 54% għal dawk mingħajr iċ-ċittadinanza tal-pajjiż li jgħixu fih; 51 % għal dawk li twieldu fi Stat Membru ieħor tal-UE; 49 % għal dawk li twieldu barra mill-UE; u 50 % għall-persuni b'diżabilità (dawk li għandhom diffikultajiet f'attivitajiet li normalment jagħmlu n-nies, minħabba problema tas-saħħa jew diżabilità).

## OPINJONI 3 TAL-FRA

Fid-dawl tan-natura mifruxa tal-fastidju, l-UE għandha tikkunsidra li tirrieżamina r-risponsi leġiżlattivi u ta' politika eżistenti għall-fastidju, inkluż il-fastidju sesswali, u s-sitwazzjonijiet kollha possibbli fejn iseħħ il-fastidju (inkluż fuq l-internet), li jinkludu l-fastidju lil hinn mill-post tax-xogħol u mill-qasam edukattiv.

Fid-dawl tal-impatt sproporzjonat tal-fastidju — b'mod partikolari l-fastidju ċibernetiku — fuq iż-żgħażagħ, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-vittmi tiegħu jkollhom aċċess għal metodi sempliċi u effettivi biex jirrapportaw l-inċidenti u jinvestigawhom. L-UE tista' tappoġġa lill-Istati Membri f'dan ir-rigward billi tgħin biex tiżgura, pereżempju permezz tal-Att futur dwar is-Servizzi Diġitali, il-provvista ta' regoli armonizzati dwar l-indirizzar tal-kontenut illegali online — inkluż l-inċitament għall-vjolenza, il-mibegħda u d-diskriminazzjoni.

Fid-dawl tal-evidenza ppreżentata f'dan ir-rapport u f'diversi rapporti oħra tal-FRA dwar l-impatt ta' fastidju mmotivat mill-mibegħda fuq diversi gruppi fis-soċjetà, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li japplikaw bis-sħiħ il-protezzjoni pprovduta mid-Direttiva tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, li tittratta lill-vittmi kollha ta' reati ta' mibegħda b'mod ugwali, irrispettivament mill-attribut invokat mit-trasgressuri. Dan ikun konformi mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, li skont dan il-miżuri tal-liġi kriminali għandhom ikopru b'mod ugwali r-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni koperti mill-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ikun ukoll konformi mal-pjanijiet tal-Kummissjoni li tipproponi l-estensjoni tal-lista ta' reati Ewropej biex tinkludi l-forom kollha ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda.

- Il-fastidju li ma jinvolvix atti ta’ natura sesswali spiss isir minn xi ħadd li l-vittma ma tkunx taf (52 % tal-inċidenti esperjenzati min-nisa u 59 % tal-inċidenti esperjenzati mill-irġiel). Madankollu, in-nisa huma aktar probabbli mill-irġiel li jesperjenzaw fastidju li jinvolvi atti ta’ natura sesswali minn awturi ta’ reat li ma kinux jafuhom qabel: 72 % tal-inċidenti ta’ fastidju ta’ natura sesswali kontra n-nisa twettqu minn persuni mhux magħrufa, meta mqabbla ma’ 40 % tal-inċidenti kontra l-irġiel. Barra minn hekk, 57 % tan-nisa jgħidu li l-fastidju li jinvolvi atti ta’ natura sesswali seħħ fil-pubbliku — fit-triq, f’park jew f’post pubbliku ieħor — meta mqabbel ma’ 30 % tal-inċidenti ta’ natura sesswali esperjenzati mill-irġiel.
- F’inċidenti ta’ fastidju li ma kinux jinvolvu atti ta’ natura sesswali, 77 % tal-irġiel u 58 % tan-nisa jgħidu li l-awtur kien raġel (jew grupp ta’ rġiel).

Noti:
Mir-rispondenti kollha fl-UE-27, fil-Maċedonja ta’ Fuq u fir-Renju Unit (n = 34,948); riżultati ponderati.

**FIGURA 4: ESPERJENZI TA’ FASTIDJU, FIL-ĦAMES SNIN U FIT-12-IL XAHAR TA’ QABEL L-ISTĦARRIĠ, SKONT IL-PAJJIŻ (%)**




Sors: *FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019; ġbir ta’ data f’kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma’ Statistics Austria (AT)*

L-istħarriġ juri li ħafna nies fl-UE huma esposti għal diversi forom ta' fastidju, iżda hemm differenzi notevoli meta l-popolazzjoni ġenerali tinqasam fi gruppi speċifiċi.

B'mod partikolari, iż-żgħażagħ jesperjenzaw fastidju f'rata ħafna ogħla minn persuni akbar fl-età, inklużi inċidenti ta' fastidju ċibernetiku. L-UE diġà ħadet miżura waħda f'dan ir-rigward: l-emenda tal-2018 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva għandha l-għan li tipproteġi aħjar l-iżvilupp morali tal-minorenni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret l-intenzjoni tagħha li tipproponi pakkett ta' Att dwar is-Servizzi Diġitali, biex timmodernizza l-qafas legali stabbilit fid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku (id-Direttiva 2000/31/KE). Fost kwistjonijiet oħra, il-pakkett tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali jkun jinkludi regoli dwar kif għandu jiġi indirizzat il-kontenut illegali online (pereżempju l-inċitament illegali għall-vjolenza, il-mibegħda jew id-diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni protetta bħar-razza, l-etniċità, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali). Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ għall-2019–2027, il-Kunsill tal-UE jinnota l-ħtieġa li jiġi żgurat li ż-żgħażagħ ikollhom il-kapaċità li jirrikonoxxu u jirrapportaw diskors ta' mibegħda u diskriminazzjoni online u offline.[2]



Min-naħa tagħhom, il-persuni bi problema tas-saħħa jew diżabilità serja, dawk li twieldu barra mill-pajjiż jew bi sfond ta' minoranza etnika, u l-persuni LGBTI, kollha jesperjenzaw il-fastidju b'rati ogħla mill-medja. Huwa possibbli li dan jista' jkun parzjalment dovut għall-esponiment ta' dawn il-gruppi għal fastidju mmotivat mill-mibegħda. F'dan ir-rigward, id-Deċiżjoni Qafas tal-2008 dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija tirrikonoxxi parzjalment il-ħtieġa li jiġu protetti gruppi ta' persuni jew membru ta' tali grupp — definit b'referenza għar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, id-dixxendenza, jew l-oriġini nazzjonali jew etnika — mill-inċitament għall-vjolenza u l-mibegħda. Madankollu, gruppi oħra li huma esposti għal livelli għoljin ta' fastidju, skont id-*data* tal-istħarriġ, bħal persuni bi problema tas-saħħa jew diżabilità serja, u persuni LGBTI, ma għandhomx l-istess livell ta' protezzjoni permezz tad-dritt tal-UE kontra l-kriminalità possibbilment immotivata mill-mibegħda. Ir-referenza għall-vittmi ta' "att kriminali mwettaq bi preġudizzju jew raġuni diskriminatorja" (l-Artikolu 22(3)) fid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tindirizza parzjalment din ir-realtà, peress li ġġib lill-vittmi kollha ta' reat ta' mibegħda fuq l-istess livell, irrispettivament mill-attribut invokat mit-trasgressuri.

Il-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni għall-2021 ħabbar aktar żviluppi leġiżlattivi fil-livell tal-UE f'dan il-qasam. Dan jirreferi għal inizjattiva ġdida dwar l-estensjoni tal-lista ta' reati tal-UE għall-forom kollha ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda, kemm jekk minħabba r-razza, ir-reliġjon, il-ġeneru, is-sesswalità jew raġunijiet oħra.

Il-fastidju huwa influwenzat mill-ġeneru. In-nisa jesperjenzaw fastidju ta' natura sesswali b'mod sproporzjonat minn persuni stranġieri, dawn l-inċidenti jitwettqu fil-biċċa l-kbira mill-irġiel u spiss iseħħu f'ambjent pubbliku, kif turi d-*data*. Il-kamp ta' applikazzjoni attwali tad-dritt tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jillimita r-rikonoxximent tal-fastidju — u n-natura influwenzata mill-ġeneru tiegħu — għall-oqsma tas-suq tax-xogħol u l-provvista ta' oġġetti u servizzi[3]. Fil-premessa 17 tagħha, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tirrikonoxxi l-fastidju sesswali bħala tip ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru — jiġifieri, forma ta' diskriminazzjoni u ksur tal-libertajiet fundamentali tal-vittma — u tagħti l-protezzjoni tagħha lill-vittmi ta' fastidju sesswali kif xieraq.

---

2 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2018), **Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019-2027 (2018/C 456/01), ĠU C 456**.

3 Id-**Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid)**; id-**Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi**; id-**Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE**.

# ESPERJENZI TA' DELITTI U FRODI KONTRA L-PROPRJETÀ MAGĦŻULA

**Persuna waħda minn kull sitta (16 %) fl-UE esperjenzat frodi tal-konsumatur fis-sena ta' qabel l-istħarriġ.**

## OPINJONI 4 TAL-FRA

L-UE u l-Istati Membri għandhom jiżguraw attenzjoni kontinwa għad-delitti kontra l-proprjetà, inkluża l-kriminalità transfruntiera, bl-użu ta' diversi networks stabbiliti fil-livell tal-UE, inkluż in-Network tal-UE għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità. F'dan il-kuntest, huma għandhom jikkunsidraw ukoll li jwettqu kampanji ta' sensibilizzazzjoni u jiżviluppaw għodod għall-prevenzjoni ta' delitti kontra l-proprjetà, inkluż serq mid-djar, flimkien ma' frodi bankarji online u ta' kards tal-ħlas.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jimplimentaw b'mod effettiv id-dritt eżistenti tal-UE f'dan il-qasam, inkluż dwar il-ġlieda kontra l-frodi kif ukoll il-liġijiet tal-konsumatur, fil-prattika. Ir-riżultati tal-istħarriġ jistgħu jintużaw biex jiggwidaw l-isforzi tagħhom. Pereżempju, l-Istati Membri tal-UE jistgħu jikkunsidraw li jew jistabbilixxu jew itejbu t-timijiet speċjalizzati eżistenti biex iwettqu investigazzjonijiet effettivi f'każijiet ta' frodi online, filwaqt li jiżguraw li l-vittmi ta' reati online jkunu jistgħu jirrapportaw l-inċidenti faċilment. Huma għandhom jikkunsidraw ukoll azzjonijiet biex jallinjaw il-protezzjoni tal-konsumatur mar-realtajiet tal-lum, b'mod partikolari l-faċilità tat-twettiq ta' tranżazzjonijiet transfruntiera u online, fir-rigward tal-frodi tal-konsumatur (online), f'konformità mal-Aġenda tal-Konsumatur Ġdida 2020–2025.

L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità għandhom jieħdu nota b'mod partikolari tar-rati ogħla ta' serq mid-djar, ta' frodi bankarji online u ta' frodi ta' kards tal-ħlas, u l-frodi tal-konsumatur fost persuni b'limitazzjonijiet fl-attivitajiet tas-soltu tagħhom (minħabba problema tas-saħħa jew diżabilità), biex jindirizzaw l-isfidi ta' wħud mill-persuni l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà.

*Serq mid-djar*

- B'mod ġenerali, 8 % tal-persuni fl-UE-27 esperjenzaw serq minn darhom jew proprjetà oħra fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. Sadanittant, 3 % esperjenzaw serq mid-dar fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ.
- Skont il-pajjiż, l-esperjenzi ta' serq mid-dar (fil-ħames snin qabel l-istħarriġ) ivarjaw minn 14 % sa 2 %.
- Ċerti persuni fis-soċjetà jesperjenzaw rati ogħla ta' serq mid-dar minn oħrajn. Dawn jinkludu persuni li huma limitati fl-attivitajiet tas-soltu tagħhom (minħabba problema tas-saħħa jew diżabilità), u persuni li jidentifikaw lilhom infushom bħala li jappartjenu għal minoranza etnika. Id-differenzi fil-ġeneru, l-età, l-edukazzjoni, l-istatus urban/rurali u l-kapaċità li wieħed ilaħħaq mal-ħajja mhumiex assoċjati ma' differenzi fir-rati ta' esperjenza ta' serq mid-dar fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ.

*Frodi*

- Fl-UE-27, 8 % tal-persuni esperjenzaw frodi bankarji online jew ta' kards tal-ħlas (jiġifieri, li jinvolvu karta tal-kreditu jew tad-debitu) fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. Sadanittant, 3 % esperjenzaw frodi bankarji online jew ta' kards tal-ħlas fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ.
- L-esperjenzi ta' frodi bankarji online jew ta' kards tal-ħlas ivarjaw minn 19 % sa 1 %, skont il-pajjiż. Dan jista' jiġi spjegat parzjalment mir-rati ta' tranżazzjonijiet online fi Stati Membri individwali.
- Ir-rata ta' esperjenza ta' frodi bankarji online u ta' kards tal-ħlas ma tvarjax b'mod partikolari fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-karatteristiċi soċjodemografiċi eżaminati. Madankollu, 14 % tal-persuni b'limitazzjonijiet fl-attivitajiet tas-soltu tagħhom (minħabba problema tas-saħħa jew diżabilità) esperjenzaw frodi bankarji online jew ta' kards tal-ħlas fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ, meta mqabbla ma' 6 % tal-persuni li ma għandhomx tali limitazzjonijiet.
- Persuna waħda minn kull erbgħa (26 %) fl-UE-27 esperjenzat frodi tal-konsumatur fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ. Dan jinkludi li jiġu mqarrqa jew ingannati f'termini tal-kwantità, il-kwalità, l-ipprezzar jew il-kunsinna ta' merkanzija, oġġetti jew servizzi mixtrija. Fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ, 16 % esperjenzaw frodi tal-konsumatur.
- L-esperjenzi ta' frodi tal-konsumaturi (fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ) ivarjaw minn 46 % sa 8 %, skont il-pajjiż.
- Fost il-gruppi soċjodemografiċi eżaminati, iż-żgħażagħ u dawk b'livelli ogħolja ta' edukazzjoni jesperjenzaw rati ogħla ta' frodi tal-konsumaturi minn gruppi ta' età akbar u dawk b'livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni. Dan jista' jirrifletti l-esponiment għar-riskju — 81 % tal-utenti tal-

internet li għandhom bejn is-16-il sena u d-29 sena jixtru online, meta mqabbla ma' 56 % tal-utenti tal-internet li għandhom 65 sena u aktar fl-UE-27 — flimkien ma' sensibilizzazzjoni akbar tal-problema tal-frodi.

- ★ Il-persuni li huma limitati fl-attivitajiet tas-soltu tagħhom (minħabba problema tas-saħħa jew diżabilità) jesperjenzaw rati ogħla ta' frodi tal-konsumaturi (36 % fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ) minn dawk li ma għandhomx tali limitazzjonijiet (23 %). Rati ogħla huma assoċjati wkoll mal-appartenenza għal minoranza etnika (37 %) u ma' dawk li jidentifikaw lilhom infushom bħala lesbjani, omosesswali, bisesswali jew kategorija simili "oħra" (mhux eterosesswali) (35 %).
- ★ Meta ddeskrivew l-inċident l-aktar riċenti ta' frodi tal-konsumatur, tnejn minn kull ħames persuni (41 %) li kienu xtraw l-oġġetti jew is-servizzi online, bit-telefon jew bil-posta jgħidu li kienu ordnaw l-oġġetti jew is-servizzi minn barra l-pajjiż. F'xi Stati Membri tal-UE, ir-rata ta' xiri transfruntier kienet ħafna ogħla: 94% fil-Lussemburgu u 87 % f'Malta.

**FIGURA 5: ESPERJENZI TA' FRODI TAL-KONSUMATURI, FIL-ĦAMES SNIN U FIT-12-IL XAHAR TA' QABEL L-ISTĦARRIĠ, SKONT IL-PAJJIŻ (%)**

Noti:
Mir-rispondenti kollha fl-UE-27, fil-Maċedonja ta' Fuq u fir-Renju Unit (n = 34,948); riżultati ponderati.




*Sors: FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019; ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)*

Li wieħed jesperjenza serq mid-dar jew proprjetà oħra jista' jwassal biex il-vittmi jħossuhom li mhumiex sikuri u jibdew jibżgħu li dan jista' jerġa' jseħħ. Din il-kriminalità għandha wkoll impatt ekonomiku — telf ta' proprjetà u ħsara fid-dar — li n-nies iridu jindirizzaw b'modi differenti, skont il-mezzi finanzjarji u l-kopertura tal-assigurazzjoni tagħhom. Is-serq mid-dar jinterferixxi mad-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17 tal-Karta), ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7), u d-dritt għad-dinjità tal-bniedem (l-Artikolu 1). Il-vittmi huma għalhekk intitolati għal reazzjoni tal-ġustizzja kriminali għall-vittimizzazzjoni tagħhom li sservi bħala rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi.

Proporzjon simili ta' persuni fl-UE jesperjenzaw użu ħażin mill-kont bankarju online jew mill-kards tal-ħlas tagħhom. Dan jindika l-importanza ugwali tal-frodi online fl-esperjenzi ta' vittimizzazzjoni. Ir-riżultati tal-istħarriġ dwar il-frodi bankarji online u tal-kards tal-ħlas huma rilevanti għall-Istati Membri tal-UE filwaqt li jimplimentaw il-miżuri fid-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti (id-Direttiva (UE) 2019/713), li l-Istati Membri għandhom jinkorporaw fil-liġi nazzjonali sal-31 ta' Mejju 2021. Ir-rati ogħla ta' frodi bankarji online u ta' kards tal-ħlas kontra persuni li jesperjenzaw limitazzjonijiet fl-attivitajiet tas-soltu tagħhom (minħabba problema tas-saħħa jew diżabilità) iqajmu tħassib dwar l-isfruttament ta' wħud minn dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà. Din il-kwistjoni hija relatata mal-Artikolu 16 ("Libertà mill-isfruttament, il-vjolenza u l-abbuż") tas-CRPD.

L-Artikolu 38 tal-Karta u l-liġi sekondarja rilevanti tal-UE (bħad-Direttiva dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern) jipprevedu livell ġeneralment għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Madankollu, persuna waħda minn kull erbgħa (26 %) fl-UE-27 esperjenzat frodi tal-konsumaturi fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ — jiġifieri, tħossha li ġiet imqarrqa jew ingannata f'termini tal-kwantità, il-kwalità, l-ipprezzar jew il-kunsinna ta' merkanzija, oġġetti jew servizzi li tkun xtrat. Dan mhux dejjem jinvolvi attività kriminali, iżda r-riżultat aħħari huwa klijent li jħoss li l-aspettattivi tiegħu dwar il-prodott jew is-servizz li ħallas għalih ma ntlaħqux. Fejn dan ma jinvolvix attivitajiet kriminali, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tipprevedi d-drittijiet tal-vittmi ta' frodi tal-konsumatur li jirċievu protezzjoni xierqa, appoġġ u aċċess għall-ġustizzja, bħall-vittmi ta' reati oħra.

B'mod partikolari, ir-riżultati jindikaw ukoll volum għoli ta' tranżazzjonijiet transfruntiera meta l-oġġetti jew is-servizzi jinxtraw online, bit-telefon jew bil-posta. Dan jissottolinja l-ħtieġa ta' miżuri ta' protezzjoni tal-konsumatur li jaħdmu b'mod effettiv f'dawn il-każijiet. Bħal fil-każ ta' frodi bankarji online u ta' kards tal-ħlas, dawk li huma limitati fl-attivitajiet tas-soltu tagħhom (minħabba problema tas-saħħa jew diżabilità) jesperjenzaw il-frodi tal-konsumaturi b'rata ogħla, u għalhekk jeħtieġu protezzjoni u appoġġ partikolari fl-aċċess għall-ġustizzja f'konformità mas-CRPD.

Il-ħtieġa li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi, inkluż billi jingħataw is-setgħa kif ukoll permezz ta' infurzar aktar effettiv, hija fost il-kwistjonijiet ewlenin li l-UE qed tiddiskuti bħalissa fil-kuntest tal-Aġenda tal-Konsumatur Ġdida 2020–2025 tal-Kummissjoni.



# RAPPORTAR TA’ ESPERJENZI TA’ KRIMINALITÀ LILL-PULIZIJA U AWTORITAJIET OĦRA

## Il-biċċa l-kbira tal-inċidenti ta’ vjolenza fiżika u fastidju ma jiġux irrapportati lill-pulizija.

- Meta ddeskrivew l-inċident l-aktar reċenti ta’ kriminalità esperjenzat fil-ħames snin ta’ qabel l-istħarriġ, 30 % tal-persuni fl-UE-27 irrapportaw vjolenza fiżika lill-pulizija u 11 % irrapportaw inċident ta’ fastidju.
- Ir-rati ta’ rapportar tal-vjolenza fiżika lill-pulizija jvarjaw minn 40 % sa 9 %, skont il-pajjiż, fir-rigward tal-inċident l-aktar reċenti fil-ħames snin ta’ qabel l-istħarriġ. Dan jista’ jirrifletti parzjalment il-livelli relattivi ta’ fiduċja fil-ħila jew ir-rieda tal-pulizija li ssegwi l-kriminalità. Ir-rati ta’ rapportar ta’ fastidju lil kwalunkwe awtorità (inkluża l-pulizija) ivarjaw minn 31 % sa 5 %, skont il-pajjiż, fir-rigward tal-inċident l-aktar reċenti fil-ħames snin ta’ qabel l-istħarriġ.
- Minbarra li rrapportaw inċidenti ta’ vjolenza fiżika lill-pulizija, 17 % tal-vittmi kienu f’kuntatt mas-servizzi mediċi bħala riżultat ta’ inċident, u 6 % ikkuntattjaw organizzazzjoni speċjalizzata ta’ appoġġ għall-vittmi.
- Ir-rati ta’ rapportar ivarjaw skont il-karatteristiċi soċjodemografiċi tan-nies. Il-persuni li jkampaw mal-eżiġenzi tal-ħajja faċilment jew b’mod faċli ħafna bl-introjtu tal-familja tagħhom, studenti u nies li jgħixu f’żoni rurali huma aktar probabbli minn oħrajn li ma jirrapportawx inċident ta’ vjolenza li jkunu esperjenzaw. B’kuntrast ma’ dan, persuni li għandhom limitazzjonijiet fl-attivitajiet tas-soltu tagħhom (minħabba problema tas-saħħa jew diżabilità), persuni li jappartjenu għal minoranza etnika u dawk li jidentifikaw lilhom infushom bħala lesbjani, omosesswali, bisesswali jew kategoriji simili “oħrajn” huma aktar lesti li jirrapportaw l-inċidenti lill-pulizija minn dawk li ma jqisux lilhom infushom li jappartjenu għal dawn il-gruppi. Dan jista’ jirrifletti l-livelli ta’ kriminalità relatata mal-mibegħda esperjenzata minn dawn il-gruppi speċifiċi.
- L-elementi ta’ vjolenza fiżika li jistgħu jindikaw inċidenti aktar severi huma assoċjati ma’ rati ogħla ta’ rapportar. B’mod partikolari, mill-inċidenti vjolenti ta’ natura sesswali, 60 % ġew irrapportati lill-pulizija, meta mqabbla ma’ 27 % tal-inċidenti li ma kinux sesswali. Ir-rapportar huwa inqas mill-medja meta l-awtur ta’ reat kien membru tal-familja jew qarib (22 % biss tal-inċidenti ġew irrapportati lill-pulizija). Dan għandu implikazzjonijiet sinifikanti fuq in-nuqqas ta’ rapportar ta’ vjolenza domestika u/jew minn sieħeb intimu.

### OPINJONI 5 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw li jintroduċu miżuri speċifiċi biex jinkoraġġixxu u jagħtu s-setgħa lin-nies biex jirrapportaw inċidenti ta’ kriminalità — b’mod partikolari, inċidenti ta’ vjolenza u fastidju, peress li r-rata ta’ rapportar ta’ dawn ir-reati hija aktar baxxa minn dik ta’ xi reati oħra. Din hija kundizzjoni importanti biex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja, għaliex b’dan il-mod il-vittmi tal-kriminalità jistgħu jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom u l-appoġġ disponibbli għalihom. Il-miżuri li jħeġġu lin-nies jirrapportaw il-kriminalità għandhom jieħdu nota tar-riżultati tal-istħarriġ dwar ir-raġunijiet għaliex ma jirrapportawx, u dwar rati aktar baxxi ta’ sodisfazzjon fost dawk li mhumiex ċittadini meta jirrapportaw inċidenti ta’ fastidju.

Meta jintroduċu tali miżuri, l-Istati Membri tal-UE għandhom jirrikonoxxu li relazzjoni bejn l-awtur ta’ reat u l-vittma taffettwa l-probabbiltà li r-reati jiġu rrapportati lill-pulizija, bħal inċidenti ta’ vjolenza domestika jew minn sieħeb intimu. Kif deskritt fl-Opinjoni 2, għandu jsir kull sforz biex jiġi inkoraġġut u ffaċilitat ir-rapportar ta’ tali reati u biex il-vittmi jkunu jistgħu jkissru ċ-ċiklu ta’ vittimizzazzjoni ripetuta. F’dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll opportunitajiet biex jipprovdu assistenza u pariri dwar id-drittijiet lil dawk il-vittmi tal-kriminalità li jikkuntattjaw servizzi li mhumiex il-pulizija, bħal fornituri ta’ servizzi mediċi, wara inċident.

Meta jirreġistraw l-inċidenti ta’ kriminalità u jirrapportaw dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż, l-Istati Membri tal-UE jistgħu jagħmlu użu minn mekkaniżmi ta’ rapportar ta’ partijiet terzi biex jaqbdu aktar inċidenti. Altrimenti xi wħud minn dawn l-inċidenti ma ssirx taf bihom il-pulizija, bħal inċidenti li l-vittmi ma jipperċepixxux — għal kwalunkwe raġuni — bħala “serji” biżżejjed biex jikkuntattjaw lill-pulizija.

- ★ Tlieta minn kull ħames persuni (62 %) li rrapportaw fastidju lill-pulizija kienu sodisfatti bil-mod kif il-pulizija ttrattat l-inċident, u l-istess kienu 63 % ta' dawk li rrapportaw lill-pulizija l-inċident l-aktar reċenti ta' vjolenza fiżika. Madankollu, 42 % biss tal-vittmi ta' fastidju li ma kinux ċittadini tal-pajjiż fejn jgħixu kienu sodisfatti bil-mod kif il-pulizija ttrattat l-inċident meta rrapportawh, meta mqabbla ma' 63 % taċ-ċittadini tal-pajjiż.
- ★ Meta n-nies ma rrapportawx inċidenti ta' vjolenza u fastidju lill-pulizija, ir-raġuni l-aktar komuni li semmew kienet li huma ma qisux l-inċident bħala serju biżżejjed biex jagħmlu l-isforz biex jirrapportawh. Fost ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rapportar ta' vjolenza fiżika lill-pulizija meta l-vittma sfat midruba, persuna minn kull erbgħa (23 %) kienet temmen li l-pulizija ma kienet se tagħmel xejn, u 14 % semmew li ma jafdawx lill-pulizija.
- ★ Id-delitti kontra l-proprjetà jiġu rrapportati — lill-pulizija jew lil awtoritajiet oħra — b'rata ogħla mill-vjolenza jew il-fastidju. Fl-UE-27, 73 % tas-serq mid-djar ġie rrapportat lill-pulizija, filwaqt li 95 % tal-frodi bankarji online jew tal-kards tal-ħlas ġew irrapportati (lill-pulizija jew lil awtoritajiet oħra). B'kollox, 50 % tal-inċidenti ta' frodi tal-konsumatur fl-UE-27 ġew irrapportati — iżda fil-biċċa l-kbira tal-każijiet lil awtoritajiet oħra li mhumiex il-pulizija.

**FIGURA 6: RAĠUNIJIET GĦAN-NUQQAS TA' RAPPORTAR TA' VJOLENZA LILL-PULIZIJA (UE-27, %)[a,b]**




Sors: *FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019; ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)*

Noti:

a Minn fost dawk li wieġbu fl-UE-27 li ma rrapportawx lill-pulizija l-inċident l-aktar reċenti ta' vjolenza esperjenzat fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ (n = 2,317); riżultati ponderati.

b Fl-istħarriġ, ir-rispondenti setgħu jindikaw raġuni waħda jew aktar għaliex ma rrapportawx l-inċident, kif rilevanti fil-każ tagħhom. Ir-rispondenti setgħu jwieġbu wkoll "ma nafx" jew "nippreferi ma ngħidx".



Il-biċċa l-kbira tal-inċidenti ta' vjolenza u fastidju ma jiġux irrapportati lill-awtoritajiet, filwaqt li l-maġġoranza tad-delitti kontra l-proprjetà li staqsa dwarhom l-istħarriġ jiġu rrapportati lill-pulizija, u wħud mill-inċidenti li ma jiġux irrapportati lill-pulizija jiġu rrapportati lil awtoritajiet oħra. Ir-rati għoljin ta' rapportar ta' delitti kontra l-proprjetà tipikament huma minħabba li r-rapportar huwa prerekwiżit biex wieħed jirċievi kumpens għall-inċident, pereżempju minn polza tal-assigurazzjoni. Dawn ir-riżultati jissuġġerixxu li n-nies huma lesti li jirrapportaw il-kriminalità lill-pulizija meta jqisu li dan huwa effettiv — jiġifieri, li dan ikollu riżultat konkret u ta' benefiċċju.

L-inċidenti ta' vjolenza fiżika ġew irrapportati aktar spiss jekk l-inċident wassal għal korrimenti, kellu konsegwenzi psikoloġiċi jew kien ta' natura sesswali.

Il-paraguni bejn it-tipi ta' reati — bħall-kriminalità vjolenti u d-delitti kontra l-proprjetà — għandhom isiru bl-akbar kawtela. Madankollu, għal ċerti tipi, ħafna inċidenti jiġu rrapportati lil awtoritajiet li mhumiex il-pulizija, skont ir-riżultati. Dan jista' jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' opportunitajiet ta' rapportar alternattivi għal firxa ta' inċidenti. L-istħarriġ tal-FRA dwar il-vjolenza kontra n-nisa jappoġġa s-sejbiet irrapportati hawnhekk, peress li juri li ħafna nisa li huma vittmi ta' vjolenza fiżika u sesswali jikkuntattjaw lit-tobba u lis-servizzi tas-saħħa, aktar milli lill-pulizija. Ir-riżultati tal-istħarriġ tal-FRA dwar l-esperjenzi tal-immigranti u d-dixxendenti tal-immigranti, ir-Rom, il-Lhud u l-persuni LGBTI juru wkoll li ħafna vittmi ta' fastidju u vjolenza mmotivati mill-mibegħda jikkuntattjaw lil diversi fornituri ta' servizzi bħala riżultat tal-inċident, filwaqt li ma jirrapportawx l-inċident lill-pulizija.

Il-vittmi huma intitolati għal rimedju effettiv permezz tas-sistema tal-ġustizzja kriminali. Sabiex jiddikjaraw dan id-dritt, irid ikollhom aċċess għas-sistema tal-ġustizzja kriminali (l-Artikolu 47 tal-Karta), u dan l-aċċess għandu jkun mhux biss teoretiku, iżda effettiv fil-prattika. Dan jeħtieġ faċilitazzjoni prattika tar-rapportar mill-vittmi lill-pulizija, billi l-vittmi jingħataw is-setgħa u jiġu inkoraġġuti, f'konformità mal-objettiv ġenerali fl-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, u mal-premessa 63 tagħha, li titlob servizzi ta' appoġġ affidabbli. Dawn għandhom ikunu disponibbli għall-vittmi indipendentement minn jekk vittma tagħmilx ilment formali dwar reat lil awtorità kompetenti (l-Artikolu 8(5)). Barra minn hekk, id-Direttiva tgħid li l-vittmi għandhom jingħataw rispons li jġib rispett, ikun sensittiv, professjonali u mhux diskriminatorju mill-awtoritajiet kompetenti; għandu jkun hemm taħriġ għall-prattikanti li x'aktarx li jirċievu lmenti, li jista' jiffaċilita r-rapportar; il-mekkaniżmi ta' rapportar ta' parti terza, kif ukoll l-użu tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni biex isiru l-ilmenti, huma mħeġġa wkoll.

Minkejja l-miżuri fid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, in-nuqqas ta' rapportar dwar il-kriminalità b'mod ġenerali huwa problema serja, b'mod partikolari fir-rigward ta' każijiet ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, kif tinnota l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020–2025). L-istrateġija tirreferi wkoll għan-nuqqas ta' rapportar minn vittmi tal-kriminalità li jappartjenu għal komunitajiet jew minoranzi żvantaġġati jew vulnerabbli, li jista' jkollhom ftit fiduċja fl-awtoritajiet pubbliċi, u dan iżommhom milli jirrapportaw il-kriminalità. F'dan il-kuntest, l-istrateġija dwar id-drittijiet tal-vittmi tistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi u regoli oħra tal-UE dwar il-vittmi ta' reati partikolari, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess tal-vittmi għall-informazzjoni, għall-appoġġ u għall-protezzjoni".

# XHIEDA TAL-KRIMINALITÀ U TEĦID TA' AZZJONI

**Aktar minn persuna waħda minn kull tnejn fl-UE tkun lesta li tintervjeni meta tara reat iseħħ. Madankollu wieħed minn kull ħamsa ma jkunux lesti li jinvolvu ruħhom.**

## OPINJONI 6 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE jistgħu jikkunsidraw li jsaħħu l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni biex jenfasizzaw ir-responsabbiltà individwali meta wieħed jara reat iseħħ, ħaġa li tista' ttejjeb ir-rati ta' rapportar lill-awtoritajiet.

L-Istati Membri huma mħeġġa jwaqqfu kampanji li jsaħħu r-rieda tax-xhieda li jintervjenu fid-difiża tad-dinjità u d-drittijiet tal-oħrajn meta jkunu fil-periklu, filwaqt li jiżguraw is-sikurezza tax-xhieda.

Biex jiġi ffaċilitat aktar l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jkollhom fis-seħħ mekkaniżmi effettivi ta' rapportar ta' parti terza li jinkoraġġixxu lix-xhieda ta' reati li mhumiex lesti jinvolvu ruħhom fis-sistema tal-ġustizzja kriminali — bħal pereżempju billi jċemplu lill-pulizija — biex jikkuntattjaw parti terza, bħal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ukoll li jsaħħu l-aċċess għal modi alternattivi ta' kif tiġi rrappurtata l-kriminalità personalment, bħal permezz tal-email, vidjos jew e-formoli online.

- Meta jaraw lil xi ħadd jagħti daqqa lis-sieħeb/sieħba tiegħu fit-triq, 54 % tal-persuni fl-UE-27 ikunu "lesti" jew "lesti ħafna" li jintervjenu. Ir-riżultati huma simili meta n-nies jiġu mistoqsija kif jirreaġixxu għal ġenitur li jagħti daqqa lit-tifel/tifla tiegħu fit-triq, bi 52 % "lesti" jew "lesti ħafna" li jintervjenu.
- Meta jaraw reat ambjentali mhux vjolenti — bħal xi ħadd li jarmi friġġ użata fil-kampanja — 57 % ikunu "lesti" jew "lesti ħafna" li jintervjenu.
- B'mod ġenerali, in-nies huma l-aktar probabbli li jċemplu lill-pulizija meta jaraw persuna tagħti daqqa lis-sieħeb/sieħba tagħha, segwita mir-rimi ta' friġġ qadima. Bħala medja, il-persuni fl-UE-27 ikunu inqas lesti li jinvolvu lill-pulizija jekk jaraw ġenitur jagħti daqqa lit-tifel/tifla tiegħu.
- Il-perċentwal ta' persuni li "bl-ebda mod ma huma lesti" li jixhdu fil-qorti, anki meta jintalbu jagħmlu dan, ivarja minn 17 % f'każ li jaraw persuna li tagħti daqqa lis-sieħeb/sieħba tagħha għal 25 % fl-eżempju ta' ġenitur li jagħti daqqa lit-tifel/tifla tiegħu. Madankollu, dawn ir-riżultati jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri tal-UE u speċjalment fir-rigward ta' ġenitur li jagħti daqqa lit-tifel/tifla tiegħu.
- Ir-rieda tan-nies li jinvolvu ruħhom fis-sistema tal-ġustizzja kriminali — pereżempju billi jċemplu lill-pulizija u, jekk jintalbu, jagħtu xhieda fil-qorti — hija aktar baxxa fost l-anzjani, dawk b'livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni, u persuni li jsibuha diffiċli biex ilaħħqu mal-ħajja.
- In-nies huma inqas lesti li jintervjenu meta mara tagħti daqqa lil raġel (44 % fl-UE-27 huma "lesti" jew "lesti ħafna") milli meta raġel jagħti daqqa lil mara (64 % huma "lesti" jew "lesti ħafna").

Il-koeżjoni soċjali tinvolvi s-sens ta' kooperazzjoni u solidarjetà tal-individwi, inkluża r-rieda tagħhom li jintervjenu meta jinkisru d-drittijiet ta' ħaddieħor. Kull ordni normattiva hija bbażata fuq ir-rieda tal-membri ta' komunità li jiddefendu n-normi bażiċi tagħha. Ir-riżultati tal-istħarriġ jissuġġerixxu li ftit aktar minn nofs il-persuni fl-UE jkunu lesti li jintervjenu b'mod attiv jekk josservaw persuna tiġi attakkata fiżikament fil-pubbliku, filwaqt li aktar ikunu lesti li jintervjenu meta jaraw reat ambjentali "mhux personali".

**FIGURA 7: RIEDA LI JIEĦDU AZZJONI META JKUNU XHIEDA TA' REATI MAGĦŻULA, SKONT IX-XENARJU U T-TIP TA' AZZJONI (UE-27, %)**




*Sors: FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019; ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)*

Noti:

Mir-rispondenti kollha fl-UE-27 li ntalbu jimlew it-taqsima "Sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet" tal-istħarriġ (n = 24,354); riżultati ponderati.

Meta l-kriminalità sseħħ fil-pubbliku, il-persuni li jkunu xhieda tagħha jista' jkollhom rwol kruċjali fl-appoġġ tal-vittma. Dan jista' jinvolvi, pereżempju, persuni li jintervjenu fis-sitwazzjoni meta jaraw reat iseħħ, li jċemplu lill-pulizija jew, jekk ikun meħtieġ, jagħtu xhieda fil-qorti kontra l-awtur ta' reat. Għal xi reati — pereżempju reat kontra l-ambjent, li ntuża fl-istħarriġ — spiss ma jkunx hemm "vittma" waħda, iżda dawk li jkunu fil-qrib jista' jkollhom rwol importanti fin-notifika lill-awtoritajiet. Fir-rigward ta' tipi oħra ta' reati, bħal dawk li jinvolvu grupp ta' vittmi partikolarment vulnerabbli, jiġifieri t-tfal, ir-rwol ewlieni tal-pubbliku jista' jitqies fil-kuntest tal-ħtieġa ta' salvagwardji effettivi biex it-tfal jiġu protetti minn kull forma ta' vjolenza — li tinkludi l-użu ta' forza fiżika maħsuba biex tikkawża xi grad ta' wġigħ jew skumdità, irrispettivament mis-saħħa, eż. daqqiet ta' ħarta — waqt li jkunu taħt ir-responsabbiltà tal-ġenituri u ta' oħrajn, f'konformità mas-CRC.

Fil-premessa 63 tagħha, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tirrikonoxxi parzjalment l-importanza ta' possibbiltà ta' rapportar indirett: hija titlob li jiġi stabbilit mekkaniżmu għar-rapportar ta' parti terza, inkluż minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, biex jiġi ffaċilitat ir-rapportar ta' reati. F'dan il-kuntest, tappella wkoll għall-introduzzjoni tal-possibbiltà li tintuża t-teknoloġija tal-komunikazzjoni, bħal email, vidjos jew e-formoli online, biex isiru lmenti.

# INKWIET DWAR IL-KRIMINALITÀ U EVITAR TAR-RISKJU

**In-nisa, aktar mill-irġiel, jevitaw postijiet u sitwazzjonijiet minħabba li jinkwetaw li jiġu attakkati jew iffastidjati. Dan inaqqas l-opportunitajiet tagħhom biex jipparteċipaw fil-ħajja pubblika.**

## OPINJONI 7 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE jeħtieġ li jirrikonoxxu li t-tħassib dwar is-sikurezza personali għandu impatt negattiv, b'mod partikolari fuq in-nisa. Huma ta' spiss iħossu l-ħtieġa li jillimitaw fejn imorru u x'jagħmlu b'reazzjoni għat-theddida ta' attakk u fastidju fiżiku u sesswali, kif muri preċedentement mill-FRA fir-rapport ta' stħarriġ tagħha dwar il-vjolenza kontra n-nisa. L-awtoritajiet li jaħdmu fil-prevenzjoni tal-kriminalità jistgħu jisiltu aktar mir-riżultati tal-istħarriġ attwali, biex jippromulgaw miżuri li jiżguraw l-ugwaljanza tal-aċċess għall-ispazju pubbliku, bħal approċċi għall-prevenzjoni tal-kriminalità u t-tnaqqis tal-biża' mill-kriminalità permezz tad-disinn tal-ambjent.

Il-miżuri tal-Istati Membri tal-UE biex itejbu kemm in-nies iħossuhom sikuri għandhom jiffukaw fuq gruppi fil-popolazzjoni li jħossuhom imħassbin b'mod sproporzjonat għas-sikurezza tagħhom, li jwassalhom biex jevitaw postijiet u sitwazzjonijiet meqjusa bħala potenzjalment mhux sikuri. Flimkien man-nisa, dawn jinkludu persuni b'livelli edukattivi aktar baxxi, dawk li huma qiegħda, u persuni li jbatu biex ilaħħqu mal-ħajja.

- Fl-UE-27, 63 % tal-persuni huma inkwetati ħafna jew xi ftit inkwetati dwar li xi ħadd jagħmel użu ħażin mill-kont bankarju online jew mill-karti ta' kreditu/debitu tagħhom fit-12-il xahar li ġejjin. Sadanittant, 62 % jinkwetaw li jinsterqu l-mowbajl, il-kartiera jew il-portmoni tagħhom fit-12-il xahar li ġejjin. Barra minn hekk, 54 % huma inkwetati ħafna jew xi ftit inkwetati li xi ħadd jidħol f'darhom biex jisraq jew jipprova jisraq xi ħaġa. Barra minn hekk, 47 % huma inkwetati ħafna jew xi ftit inkwetati li jesperjenzaw attakk terroristiku.
- Ċerti karatteristiċi soċjodemografiċi huma assoċjati ma' differenzi fil-mod kif in-nies huma mħassbin dwar li jesperjenzaw il-kriminalità. Ir-rati ta' tħassib dwar il-kriminalità huma ogħla fost in-nisa, il-persuni b'inqas edukazzjoni, il-persuni qiegħda u dawk li jsibuha diffiċli biex ilaħħqu mal-ħajja bl-introjtu tal-familja tagħhom. Il-persuni li huma limitati fl-attivitajiet tas-soltu tagħhom (minħabba problema tas-saħħa jew diżabilità), persuni li twieldu barra mill-UE, u dawk li jqisu lilhom infushom parti minn minoranza etnika wkoll juru aktar tħassib li jesperjenzaw kriminalità minn persuni mingħajr limitazzjonijiet fl-attivitajiet, persuni li twieldu fil-pajjiżi tal-istħarriġ, u dawk li ma jqisux lilhom infushom parti minn minoranza etnika.
- Minħabba l-biża' li jiġu attakkati fiżikament jew sesswalment, jew li jiġu ffastidjati, in-nisa jipprovaw jevitaw ir-riskju b'mod attiv aktar mill-irġiel fit-tliet sitwazzjonijiet elenkati fl-istħarriġ: l-evitar ta' postijiet fejn ma jkun hemm l-ebda persuna oħra fil-madwar, l-evitar ta' ċerti toroq jew żoni, u l-evitar li joqogħdu waħedhom ma' xi ħadd li jafu.
- Filwaqt li 64 % tan-nisa mill-inqas kultant jevitaw li jmorru f'postijiet fejn ma jkunx hemm nies oħra fil-madwar, 36 % tal-irġiel jagħmlu dan. L-evitar ta' ċerti sitwazzjonijiet u postijiet huwa wkoll aktar komuni fost iż-żgħażagħ, iżda b'differenzi evidenti bejn il-ġeneri. Fil-grupp ta' età ta' bejn is-16-il sena u d-29 sena, 83 % tan-nisa u 58 % tal-irġiel jevitaw waħda jew aktar mit-tliet sitwazzjonijiet elenkati fl-istħarriġ, minħabba biża' ta' attakk jew fastidju.
- B'mod speċifiku, 41 % tan-nisa mill-inqas kultant jevitaw li jkunu waħedhom ma' xi ħadd li jafu, minħabba biża' ta' attakk jew fastidju, meta mqabbla ma' 25 % tal-irġiel.
- Il-persuni li esperjenzaw vjolenza fiżika u/jew fastidju huma aktar probabbli li jevitaw sitwazzjonijiet li huma jqisu bħala potenzjalment mhux sikuri. Pereżempju, 37 % tan-nisa fl-UE-27 li esperjenzaw vjolenza fiżika u/jew fastidju joqogħdu attenti li jevitaw sitwazzjonijiet li jqisu li jinvolvu riskju ta' attakk fiżiku jew sesswali jew fastidju, meta mqabbla ma' 21 % tan-nisa li ma esperjenzawx vjolenza fiżika u/jew fastidju.

Il-possibbiltà li wieħed jesperjenza reat għandha impatt sinifikanti fuq il-ħajja soċjali, peress li tista' tinfluwenza l-għażliet tan-nies, bħal deċiżjonijiet dwar żoni jew sitwazzjonijiet li għandhom jiġu evitati. F'xi każijiet, it-theddida tal-kriminalità tista' tinfirex għal grupp ferm usa' ta' nies minn dawk li huma personalment vittimizzati. Ir-riżultati juru differenza bejn l-esperjenzi tan-nisa u l-irġiel, kemm fit-tħassib dwar diversi reati kif ukoll speċjalment fl-imġiba tal-evitar tar-riskju adottata minħabba tħassib għas-sikurezza ta' dak li jkun. In-nisa, u speċjalment in-nisa żgħażagħ, jadottaw miżuri sinifikanti għall-evitar tar-riskji kontra t-theddida ta' (b'mod partikolari) il-fastidju sesswali u l-vjolenza sesswali, li taffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa. Il-fatt li wieħed jiġi skoraġġut milli jmur f'postijiet pubbliċi jirrestrinġi diversi drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għal-libertà (l-Artikolu 6 tal-Karta) u r-rispett għall-ħajja privata (l-Artikolu 7).

L-evitar tar-riskju jista' jkun rispons razzjonali għal esperjenza, bħall-esperjenzi tan-nisa ta' fastidju sesswali, kif juri l-istħarriġ tal-FRA dwar il-vjolenza kontra n-nisa. Madankollu, din is-sejba jeħtieġ li titqiegħed fil-kuntest tal-kapaċità, u l-ugwaljanza tal-opportunitajiet, li jintuża l-ispazju pubbliku. Barra minn hekk, il-livelli aktar baxxi ta' evitar tar-riskju tal-irġiel ukoll jeħtieġu attenzjoni, minħabba li jesperjenzaw rati għoljin ta' ċerti tipi ta' kriminalità f'postijiet pubbliċi.

It-tħassib dwar l-esperjenza tal-kriminalità huwa ogħla fost dawk li għandhom livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni, huma qiegħda, huma limitati fl-attivitajiet tas-soltu tagħhom (minħabba problema tas-saħħa jew diżabilità) jew li jsibu diffikultà biex ilaħħqu mal-ħajja bl-introjtu tal-familja tagħhom. Dan jista' jkun relatat ma' fatturi differenti, inkluż li jgħixu f'żoni bi kriminalità għolja; l-impatt relattiv tad-delitti kontra l-proprjetà fuq dawk li diġà qed ibatu, meta mqabbel ma' persuni li għandhom il-mezzi finanzjarji biex jissostitwixxu faċilment dak li nsteraq, jew li għandhom poloz tal-assigurazzjoni komprensivi; u introjtu aktar baxx li jillimita l-mezzi biex wieħed jibqa' sikur, rifless f'rati aktar baxxi ta' sjieda ta' karozzi jew li ma jkunux jistgħu jieħdu taxi meta jdumu barra billejl, pereżempju.



**FIGURA 8: EVITAR TA' WAĦDA JEW AKTAR MIT-TLIET SITWAZZJONIJIET ELENKATI MINĦABBA BIŻA' TA' ATTAKK JEW FASTIDJU, FIT-12-IL XAHAR TA' QABEL L-ISTĦARRIĠ, SKONT IL-ĠENERU U L-ETÀ (UE-27, %)[a,b]**




Sors: *FRA, Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019; ġbir ta' data f'kooperazzjoni mas-CBS (NL), mas-CTIE (LU) u ma' Statistics Austria (AT)*

Noti:

a Mir-rispondenti kollha fl-UE-27 (n = 32,537); riżultati ponderati.

b Fl-istħarriġ, ir-rispondenti ġew mistoqsija l-mistoqsija li ġejja: "Fi kwalunkwe mument f'dawn l-aħħar 12-il xahar, għamilt xi waħda minn dawn li ġejjin minħabba l-biża' li tiġi attakkat/a fiżikament jew sesswalment, jew li tingħata fastidju? A) Evitajt ċerti toroq jew li tmur f'ċerti żoni, B) Evitajt li tmur f'postijiet fejn ma jkunx hemm nies oħra fil-madwar. Pereżempju, parks jew żoni ta' parkeġġ, C) Evitajt li tiltaqa' ma' xi ħadd li taf li jġiegħlek tħossok li m'intix sikur/a". Il-figura tiġbor fil-qosor it-tweġibiet tar-rispondenti għat-tliet punti. Jekk rispondent wieġeb "ta' spiss" jew "il-ħin kollu" għal xi waħda minn dawn it-tlieta, it-tweġiba tiegħu hija rrappreżentata f'dik il-kategorija. Jekk rispondent wieġeb kwalunkwe waħda mit-tliet sitwazzjonijiet b'"kultant" iżda l-ebda waħda b'"ta' spiss" jew "il-ħin kollu", it-tweġiba tiegħu hija rrappreżentata hawn fuq bħala "kultant". Dawk li wieġbu t-tliet punti kollha b'"ma nafx" jew "nippreferi ma ngħidx" huma inklużi fil-kategorija "ma jafux jew jippreferu ma jgħidux".




Dan is-sommarju jippreżenta s-sejbiet prinċipali mit-tieni rapport tal-FRA dwar l-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali.

Il-FRA ppubblikat diversi pubblikazzjonijiet oħra li jippreżentaw ir-riżultati magħżula mill-istħarriġ. Dawn huma disponibbli fuq **is-sit web tal-FRA**.












FRA EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# NIPPROMWOVU U NIPPROTEĠU D-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TIEGĦEK FL-UE KOLLHA —

Dan is-sommarju jippreżenta l-informazzjoni intuwittiva prinċipali mit-tieni rapport prinċipali tal-FRA bbażat fuq l-Istħarriġ tagħha dwar id-Drittijiet Fundamentali. L-istħarriġ ġabar *data* minn madwar 35,000 persuna dwar l-esperjenzi, il-perċezzjonijiet u l-fehmiet tagħhom dwar firxa ta' kwistjonijiet li huma koperti b'mod varjat mid-drittijiet tal-bniedem.

It-tieni rapport tal-FRA jiffoka fuq l-esperjenzi tan-nies bħala vittmi ta' tipi magħżula ta' kriminalità, inklużi l-vjolenza, il-fastidju, u d-delitti kontra l-proprjetà. Ir-rapport jeżamina wkoll kemm-il darba dawn ir-reati jiġu rrapportati lill-pulizija; kemm in-nies huma mħassbin li jesperjenzaw il-kriminalità; u kemm huma lesti li jintervjenu, jirrapportaw lill-pulizija jew, jekk jintalbu, jagħtu xhieda fil-qorti f'ċerti sitwazzjonijiet.

Ir-riżultati ppreżentati joffru l-ewwel *data* ta' stħarriġ dwar il-kriminalità mill-UE kollha dwar l-esperjenzi tal-popolazzjoni ġenerali tal-vittimizzazzjoni kriminali, li tista' tintuża biex tinforma l-politika u l-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar il-vittmi tal-kriminalità.

Vittmi

Aċċess għall-ġustizzja

Soċjetà tal-informazzjoni

Il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali

**FRA — AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI**
Schwarzenbergplatz 11 — 1040 Vjenna — L-Awstrija
Tel. +43 158030-0 — Fax +43 158030-699

fra.europa.eu

facebook.com/fundamentalrights
twitter.com/EURightsAgency
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea